# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZZJONI NRU. 457

KAZ NRU. 682

Fit-Tilwima tax-Xoghol
bejn
Air Malta Co. Ltd.
u
General Workers' Union
(Taqsima Port u Trasport)
dwar (i) Drivers/Loaders
(ii) Il-Minijiet tas-Supple-
mentary duties fis-sezzjoni
tar-Rampa.

Data: 15 ta' Ottubru, 1992

Chairman: Is-Sur Tonio Portughese B.A. (Hons), M.A.
Membri: Is-Sur Maurice Petrocochino
Is-Sur George Agius

### INTRODUZZJONI

Din it-Tilwima bejn il-partijiet fuq imsemmija giet riferita lil dan it-Tribunal mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani fil-21 ta' Mejju, 1992 skond l-Artiklu 27 (3) ta' l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 266), b'dawn it-"Terms of Remit" proposti mill-kumpanija:

Peress illi l-kumpanija Air Malta Company Limited tinstab f'tilwima industrijali mat-Taqsima Port u Trasport tal-General Workers' Union dwar:

(i) rezistenza u oggezzjoni biex id-Drivers/Loaders jaghmlu x-xoghol taghhom kif maqbul;

..../2

(ii) rezistenza biex ma jsirx tibdil fil-hinijiet tas-"Supplementary Duties" fis-Sezzjoni tar-Rampa,

u peress illi fil-kaz ta' (i) ir-rezistenza tmur dirett-ament kontra d-dmirijiet tal-impjegati u l-Ftehim Kollettiv, u ftehim specifiku iffirmat fit-3 ta' Gunju, 1991 u fil-kaz ta' (ii) ir-rezistenza tmur kontra Artiklu 22 tal-Ftehim Kollettiv u prattici stabbiliti fil-kumpanija, liema diversi ftehim, dmirijiet u prattici stabbiliti m'humiex bi ksur tad-Drittijiet ta' l-Impjegati;

Dam it-Tribunal huwa mitlub bir-rispett illi:

(a) Jiddikkjara illi l-Union m'ghandhiex tibqa ' taghmel rezistenza kif gie spjegat u

(b) jaghti dawk il-provvedimenti l-ohra li jidhirlu xierqa skond il-kaz.

SOTTOMISSJONIJIET

Dawn it-"Terms of Remit" gew elaborati aktar fl-istqarrija tal-kaz sottomessa mill-kumpanija. Skond il-Ftehim Kollettiv ta' April, 1991, ix-xoghol ta' Drivers/Loaders jikkonsisti primarjament f'xoghol ta' sewqan u xoghol ta' taghbija. Il-ftehim ma giex onorat mill-Union peress li l-haddiema kkoncernati baqghu jirrezistu li jaghmlu xoghol ta'taghbija Deher ukoll li l-Union kienet qed tirrezisti li jkun hemm qbil fil-hinijiet ta' certi "supplementary duties", minghajr ma tat ragunijiet tajba. Il-kumpanija dejjem sostniet u l-Union dejjem qablet, illi d-doveri tad-"Drivers/Loaders" huma li jsuqu jew ighabbu l-bagalji, jew jaghmlu z-zewg doveri u dan kien ukoll dejjem il-prassi. Dwar is-"supplementary duties" il-kumpanija dejjem sostniet li ghandha dritt timplimenta "rosters" skond il-htiega tax-xoghol, u bdil tal-

.../3

tal-hinijiet ma jnaqqas xejn mill-kundizzjonijiet ta' l-impjegati, anzi dawn is-"supplementaries" jintuzaw biex l-impjegati jilhqu l-kundizzjoni taghhom ta' l-erbghin siegha fil-gimgha mifruxa fuq hamest ijiem.

Fl-ewwel seduta l-Union talbet sospensjoni tas-smiegh tal-kaz sakemm jintemmu trattativi li qed isiru bejn il-partijiet u li jinsabu fi stadju avvanzat. It-Tribunal laqa' din it-talba u ddifferixxa l-kaz bi ftit gimghat. Il-ftehim globali ma ntlahaqx u l-kaz kompla regolarment.

It-Tribunal sema' xhieda rilevanti u wara ghadda ghas-sottomissjonijiet finali. Il-Union stqarret li hareg car li ... fit-3 ta' Gunju, 1991 sar ftehim mal-kumpanija dwar il-kwistjoni tad-Drivers/Loaders u ghaldaqstant it-Taqsima jidhirlha li dak il-Ftehim ghandu jigi mhaddem kollu kemm hu. Issemma' ukoll il-fatt li mindu beda jintuza t-terminal il-gdid sar aktar mehtieg li d-Drivers/Loaders jaghmlu xoghol ta' sewqan u ghalhekk ftit jew xejn jibqaghlhom hin sabiex jaghmlu xoghol ta' loading. Listess kumpanija qed taghmel gruppi ta' sewwieqa sabiex jaghmlu xoghol ta' sewqan fuq vetturi specjalizzati bhalma huma l-unit ta' l-ambulanza u l-coaches tal-passiggieri, u b'hekk in-numru ta' drivers qieghed u jrid ikompli jikber. Dwar il-kwistjoni tas-"Supplementary duties" il-Union semmiet li bhalissa qed isiru ezercizzji bejn il-Union u l-kumpanija dwar tibdil fil-hinijiet tax-xift u ghalhekk din il-kwistjoni ser tigi solvuta.

Ghaldaqstant il-Union talbet li

(i) jkun applikat il-ftehim tat-3 ta' Gunju, 1991;
(ii) il-kwistjoni tas-supplementary duties ghandha tkompli tigi diskussa.

Il-kumpanija sostniet li hemm rezistenza w oggezzjoni minn naha ta' numru ta' mpjegati ta' l-Air Malta biex il-prinċipju maqbula ma jitwettqux. It-Tribunal intalab jiddikjara li l-kumpanija ghandha kull dritt titlob lid-Drivers/ Loaders biex jaghmlu xoghol ta' taghbija max-xoghol tas-sewqan u ta' taghbija biss f'xi granet jew hinijiet partikulari. Dwar is-"Supplementary Duties" hemm il-possibilita perikoluza li l-impjegati jidhlu ghax-xoghol f'perjodu fejn l-anqas ikunu mehtiega u f'perjodu ohra tax-xoghol iridu jiddahhlu n-nies bis-sahha.

KONKLUZZJONIJIET

Il-kriterji ta' kull Tribunal iridu jkunu bbazati fuq dokumenti rilevanti u xhieda flimkien ma' aspetti ta' prassi, natura u htigijiet ta' l-azjenda u tan-nies taghha.

It-Tribunal ghalhekk ta l-importanza dovuta lil dawn id-dokumenti:

(1) Il-Ftehim Kollettiv ezistenti.
(2) Il-Ftehim Specifiku tat-3 ta' Gunju, 1991.

L-applikazzjoni awtentika ta' dawn iz-zewg ftehim issolvi kull problema fil-kwistjoni kif evolviet sa issa. Dan ma jichad lil ebda parti f'negozzjati successivi dwar tiġdid ta' l-istess Ftehim Kollettiv ma tissollevax xi wahda jew il-kwistjonijiet tal-passat izda dan bl-ebda mod ma jwassal biex il-kumpanija tigi nnegata d-drittijiet u prerogattivi taghha li topera u timmaniġġja l-affarijiet taghha skond il-prassi passata u skond qabilli sar qabel. Kull ftehim ghandu jkun onorat lealment ghax fl-assenza ta' impenn essenzzjali bhal dan tigi nieqsa l-fiducja reciproka li hi l-bazi ta' relazzjonijiet industrijali

effettivi u kostruttivi. It-Tribunal jinnota wkoll li l-Union ghanuha d-disponibilita li tirrispetta l-ftehim mil-buqa u sakemm ikun hemm qbil gdid ghanuhom ikunu implimentati u osservati l-klawsoli kollha taz-2 ftehim fuq imsemmija u mharsin l-aspetti ta' flessibilita tant necessarji f'azjenda bhall-Air malta.

B'hekk tintemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

Tonio Portughese
CHAIRMAN

Maurice Petrocochino
MEMBRU

George Agius
MEMBRU

Edwin Spiteri
Segretarju

rb